# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tmienja u Għoxrin (28) ta' Settembru 2022**

**Rikors Numru 355/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Luan Cuffe (K.I. 0176302A)**

**Vs**

**Mihai Leonti (K.I.0057361(A))**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrent datat 17 ta' April 2018, li permezz tiegħu talab is-segwenti:

    1. *Illi fis-sena elfejn u sittax (2016) l-esponent kien inkariga lil Lisa Carson bħala interior designer sabiex teħodlu ħsieb ir-rinovazzjoni tal-fond 34/35, Bishop Palace Street, Senglea;*

    2. *Illi fost xogħolijiet ta' rinovazzjoni oħra, parti minn dan il-fond kellu jinkesa bil-gypsum boards u dan stante li l-ħitan kellhom ħafna umdita';*

    3. *Illi l-imsemmija interior designer Lisa Carson, f'isem l-esponent, kienet avviċinat lill-kumpannija Project Technik Building Supplies biex tivverifika dwar liema gypsum boards ikunu idonji u tal-kwalità meħtieġa għall-post tal-attur;*

    4. *Illi fil-fatt, f'Ottubru tas-sena 2016, l-imsemmija kumpannija Project Technik Building Supplies bagħtet lill-attur quotation numru 5262 rigwardanti l-prodott ta' kwalità speċifika u ċioe' XPS30 insulated gypsum boards',*

    5. *Illi wara li fil-ġranet sussegwenti l-attur ikkonferma li dawn il-gypsum boards kienu idonei għall-post tiegħu, huwa ddeċieda li, tramite Lisa Carson (interior designer), jikkomunika mal-konvenut biex jivverifika jekk il-konvenut kienx jaf jaħdem b'dawn il-boards biex iwaħħallu lilhom fil-post tiegħu;*

6. *Illi l-konvenut assigura lil Lisa Carson li huwa kien kapaċi jaħdem bl-imsemmija XPS30 insulated gypsum boards u kien għalhekk li l-attur ingaġġah biex jaħdimlu;*

7. *Illi kien f'dan l-istadju li Lisa Carson reġgħet ikkonfermat mal-kumpannija importatriċi Project Technik dwar kemm minn dawn il-boards kienu disponibbli u fil-fatt, fis-6 ta' Diċembru 2016, hija rċeviet quotation riveduta numru 5262 (Dok A annessa);*

8. *Illi l-imsemmija Lisa Carson infurmat b'dan lill-konvenut u l-konvenut issuġġerixxa li jikkomunika direttament mal-kumpannija Project Technik għax qal li hu kien klijent regolari tagħhom u, fil-fatt, ikkomunika permezz ta' email direttament mal-kumpannija Project Technik fid-9 ta' Diċembru 2016 fejn huwa informahom biex jidħol għal din l-ordni tal-XPS30 gypsum boards minflok Lisa Carson u talab lill-kumpannija Project Technik biex tuża l-VAT number u d-dettalji tiegħu fuq il-fattura (kopja tal-email annessa u mmarkata Dok B);*

9. *Illi sussegwentement, ġurnata wara, ossija fl-10 ta' Diċembru 2016, Lisa Carson f'isem l-attur talbet lill-konvenut jipprovdi d-dettalji tal-bank biex l-attur ikun jista' jibgħatlu d-depositu u l-konvenut irrisponda fl-istess ġurnata bid-dettalji mitluba (emails annessi u mmarkati Dok C annessi);*

10. *Illi wara li l-konvenut qal li ried 40% bħala depositu tat-total provisional amount, l-attur ħallas depositu ta' EUR 25,000 fi-tliet pagamenti fil-11 ta' Jannar 2017, 12 ta' Jannar 2017 u 13 ta' Jannar 2017 ta' EUR 10,000, EUR 9,000 u EUR 6,000 rispettivament;*

11. *Illi eventwalment, il-konvenut beda jaħdem fuq l-istruttura tal-aluminju u preparamenti oħra u fis-6 ta' Marzu 2017 huwa ġab fuq il-post numru ta' gypsum boards biex jibda jinstallahom;*

12. *Illi kien f'dak il-mument li l-interior designer Lisa Carson intebħet mill-ewwel li dawn il-gypsum boards miġjuba mill-konvenut ma kinux dawk miftehma bejn il-partijiet u għaldaqstant rrifjutat li tħalli lill-konvenut jużahom; Fil-fatt, il-konvenut ħadhom lura peress li l-gypsum boards ma kinux dawk li ftehmu fuqhom u dan kien iddeċieda jixtri boards differenti unilateralment;*

13. *Illi minkejja diversi tentattivi mill-attur biex il-konvenut jottempra ruħu u jġib u jinstalla l-prodott miftiehem, il-konvenut baqa' jinsisti li l-boards li ġab hu kienu tajbin u nsista li jitħalla jkompli jaħdem bil-boards li ġab hu; Kien għalhekk li l-attur ma kellux alternattiva ħlief li jwaqqfu u għalhekk kellha tinfetaħ din il-kawza biex issir ir-rifużjoni favur l-attur;*

14. *Illi l-attur għamel valutazzjoni tax-xogħol li kien laħaq sar mill-konvenut fil-proprjetà in kwistjoni, liema valutazzjoni tammonta għal mhux iktar minn erbat elef u tmien mitt Ewro (EUR 4800);*

*Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jġib biex juża l-gypsum boards miftehma bejn il-partijiet biex dawn jiġu installati kif miftiehem fil-proprjetà tal-attur u konsegwentement bi ksur tal-ftehim bejn il-partijiet;*

2. *Tillikwida l-valur tax-xogħol li kien laħaq sar mill-konvenut fil-proprjetà tal-attur kif fuq ingħad, occorrendo bl-għajnuna ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna u tordna lill-konvenut jirrifondi u jħallas lill-attur dik is-somma li tirrappreżenta d-differenza bejn id-depożitu mħallas minnu u l-valur tax-xogħol tal-konvenut kif likwidat;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-4 ta' Ġunju 2018, Mihai Leonti irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi l-esponenti jiċħad kategorikament li huwa naqas "milli jġib biex juża l-gypsum boards miftiehma bejn il-partijiet biex dawn jiġu stallati kif miftiehem fil-proprjeta' tal-attur" kif allegat mill-attur u dana peress illi l-gypsum boards suppliti mill-intimat lill-attur kienu effettivament proprju dawk li l-attur kien aċċetta a bażi tal-ordni dettaljata miġjuba a konjizzjoni tiegħu u fil-fatt l-istess attur wettaq pagamenti proprju a bażi ta' tali ordni.*

    2. *Illi l-esponenti jiċħad kategorikemant li huwa altrimenti kiser il-ftehim bejn il-partijiet. Bil-kontra ta' dan, huwa mexa' skrupolożament mal-kuntratt t'appalt mogħti lilu f'kull aspett tiegħu.*

    3. *Illi in vista tas-surreferit l-esponenti ma jistax jiġi ritenut responsabbli bl- ebda mod fil-konfront tal-attur u dana għaliex kien proprju l-attur li, arbitrarjament u mingħajr ebda raġuni valida, għażel li jiċħad l-ordni magħmula minnu mingħand l-esponenti, ma jaċċettax il-gypsum boards suppliti lilu a bażi tal-istess ordni u kwindi jittermina l-kuntratt t'appalt.*

    4. *Illi kwindi a tenur tal-art. 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), l-esponenti ma jistax jiġi ritenut obbligat li jħallas lill-attur ebda somma imma huwa l-attur, qua l-persuna li tat ix-xogħol li għandu jħallas lill-esponenti, qua l-appaltatur, l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ lil-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*

    5. *Illi fi kwalunkwe każ u għal kull buon fini jingħad li l-valur tax-xogħol imwettaq mill-esponenti huwa ferm għola minn dak allegat mill-attur skont ir-rikors maħluf tiegħu (fis-somma ta' erbat elef u tmien mitt euro (€4800)) imma effettivament jammonta għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u tnejn u tletin euro u disgħa ċenteżmi (€21,832.09) jew somma oħra verjuri.*

    6. *Illi l-esponenti qed jirriżerva l-posizzjoni tiegħu fir-rigward tal-fatti u/jew allegazzjonijiet dikjarati mill-attur permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu fil-paragrafi numri 1 sa 4, 7 u dana għaliex tali paragrafi jirrigwardjaw fatti u/jew allegazzjonijiet li almenu in parte ma jirrigwardjawx lill-esponent.*

    7. *Illi l-esponent jiċħad kategorikament il-fatti u/jew allegazzjonijiet dikjarati mill-attur permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu fil-paragrafi numri 5, 6, 8, 12 sa 14 liema fatti u/jew allegazzjonijiet huma interament kontestati għar-raġunijiet surreferiti.*

    8. *Illi l-fatti kontenuti fid-9, 10, 11 paragrafi mhumiex kontestati.*

    9. *Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-attur u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-istess esponenti kontra l-istess attur.*

    10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, inkluż korrispondenza bejn il-partijiet permezz ta' email. (fol 11 u 12)

4. Rat l-affidavit ta' **Lisa Carson** ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2018 (fol 41) flimkien ma' sensiela ta' dokumenti konsistenti fi skambu ta' korrispondenza permezz ta' emails, quotations varji u pjanti.

5. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-26 ta' Ġunju 2019.

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Kurt Abela** *Managing Director* ta' Project Technik mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019 (fol 99A).

7. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Kurt Abela riprodott datata 28 ta' Novembru 2019 kif ukoll ġew eżebiti serje ta' dokumenti (fol 113).

8. Rat li ġew eżebiti żewġ samples ta' gypsum boards fit-28 ta' Novembru 2019, li x-xhud Kurt Abela ikkonferma li huma XPS u EPS (fol 112).

9. Rat l-affidavit ta' Luan Cuffe ippreżentat fis-26 ta' Frar 2020 flimkien ma' serje ta' dokumenti (fol 149).

10. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Lisa Carson ippreżentat fis-26 ta' Frar 2020 b'serje ta' dokumenti (fol 159).

11. Rat illi fis-26 ta' Frar 2020, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

12. Rat l-affidavit ta' **Mihai Leonti** ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2020 flimkien ma' serje ta' dokumenti (fol 174).

13. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Lisa Carson mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2020 (fol 216).

14. Rat li ġiet korretta t-traskrizzjoni ta' Lisa Carson fir-raba' paġna minflok il-kliem XP40 qalet XP30, kif deskritt fil-verbal tat-2 ta' Frar 2021.

15. Semgħet ix-xhieda ta' Luan Cuffe in kontro-eżami mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 (fol 291).

16. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Etienne Fenech**, espert ex parte ta' l-intimat, mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 (fol 301).

17. Semgħet ix-xhieda ta' Mihai Leonti in kontro-eżami mogħtija fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022 (fol 307).

18. Rat li l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali fl-1 ta' Frar 2022, wara li ġie dikjarat li ngħalqu l-provi.

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fl-4 ta' April 2022 (fol 317).

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mihai Leonti ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2022 (fol 331).

21. Rat li fit-8 ta' Ġunju 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

22. Jirriżulta li r-rikorrent, Luan Cuffe, kien inkariga lil Lisa Carson, interior designer biex tieħu ħsieb ir-renovazzjoni tal-fond 34/55, Bishop Palace Street, Senglea, u fost ix-xogħolijiet li kienet ordnat, li l-fond jinkesa bil-gypsum boards minħabba l-umdita`.

23. Jirriżulta li sussegwentement l-attur kien ikkuntattja personalment lil Project Technik Building Supplies biex tipprovdielu stima tal-gypsum boards XPS 30 u minn naħa ta' Project Technik Building Supplies kienet intbagħtet stima datata 14 ta' Ottubru 2016, kif juri l-email ippreżentata kemm mill-attur u minn Kurt Abela (fol 121-123).

24. Jirriżulta li Project Technik Building Supplies bagħtet stima aktar dettaljata rigward il-gypsum boards XPS 30 (fol 134).

25. Jirriżulta li, sussegwentement, wara li ġie kkuntattjat minn Lisa Carlson, Mihai Leonti ftiehem ma' Lisa Carlson u l-attur, li seta' jaħdem fuq il-post tar-rikorrenti bil-materjal li ried, u saħansitra offra li jaqleb l-ordni tal-materjal tal-gypsum boards mingħand Project Technik fuqu. Fil-fatt, huwa bagħat email direttament lil Project Technik Building Supplies datata 9 ta' Diċembru 2016 li kien ser jieħu l-ordni fuqu bin-numru tal-VAT tiegħu (136-137).

26. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent kien ħallas depositu fl-ammont ta' €25,000 lil Leotni sabiex ikun jista' jordna l-materjal u jibda jaħdem, liema depositu ġie mħallas f'Jannar 2017.

27. Jirriżulta, iżda, li l-konvenut ma ordnax il-materjal ta' Project Technik Building Supplies iżda ġab materjal huwa stess minn rajh minn barra, u meta l-konvenut ħa dan il-materjal fuq il-lant tax-xogħol, l-attur mill-ewwel ġibed l-attenzjoni li ma riedx jaċċetta dan il-materjal għax ma kienx l-istess materjal ta' Project Technik Building Supplies.

28. Jirriżulta li dana seħħ fil-bidu ta' Marzu, wara illi l-intimati kien ġia qiegħed jagħmel xi xogħolijiet, li l-interior designer ingaġġata mill-attur stmat u kejlet ix-xogħol preparatorju li kien laħaq għamel il-konvenut fl-ammont ta' €4,800.

29. Konsegwentement, l-attur qed jitlob id-differenza mill-ammont ta' depoaitu imħallas lill-konvenut wara li jiġi imnaqqas dan l-ammont ta' €4,800.

30. Jirriżulta illi qabel ma saret il-kawża, ir-rikorrent kien ipproċeda biex iqabbad lis-soċjeta' Project Tecknik Building Supplies sabiex jagħmlu x-xogħolijiet kollha, u għalhekk ma seta' jitqabbad ebda espert sabiex jivvaluta x-xogħol illi kien laħaq għamel l-intimat qabel ma ġie mwaqqaf milli jkompli.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

**<u>Difiżi fil-mertu</u>**

31. Permezz tal-każ odjern, ir-rikorrent qed jitlob li jiġi dikjarat li l-konvenut naqas milli jġib u juża l-gypsum boards miftehma bejn il-partijiet biex dawn jiġu nstallati kif miftehma fil-proprjeta` tal-attur, b'hekk qed jintalab li l-konvenut jerġa' jirrifondi lura

s-somma li tirrappreżenta d-differenza bejn id-depożitu mħallas minnu u l-valur tax-xogħol tal-konvenut.

32. Minn naħa l-oħra, ġie eċċepit mill-konvenut, tramite l-ewwel tlett eċċezzjonijiet, li mhuwiex minnu li huwa naqas milli jġib u juża l-gypsum boards miftehma, ċaħad li kiser il-ftehim bejn il-partijiet u ma jistax jiġi ritenut responsabbli fil-konfront tal-attur għaliex kien l-attur li mingħajr raġuni valida għażel li jiċħad l-ordni magħmula minnu. Ġie eċċepit ukoll mill-konvenut, li m'għandux jiġi obbligat iħallas lill-attur ebda somma u dan a tenur tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenut sostna wkoll, fil-ħames eċċezzjoni, li x-xogħolijiet li laħaq għamel huma ferm għola mill-ammont ta' €4,800 u jammontaw għal €21,832.09. Il-konvenut qed isostni li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Ikkunsidrat**

33. Jibda biex jingħad, li fil-każ in eżami, kien sar ftehim bejn l-attur u l-konvenut dwar installar ta' gypsum fil-fond 34/35 Bishop Palace Street, Senglea. Dan il-ftehim mal-konvenut sar wara li r-rikorrent kien diġa' kkomunika ma' Project Technik Building Supplies, intalbet kwotazzjoni għal XPS 30 gypsum boards, u l-ftehim kien jirrigwarda proprju ix-xogħol relatat għat-twaħħil ta' dawn l-XPS 30 gypsum boards.

34. Jiġi ppreċiżat, li mill-assjem tal-provi ħarġet id-distinzjoni bejn EPS gypsum boards, li ġab u ried jinstalla l-intimat u XPS gypsum boards, li ried iġib ir-rikorrent.

35. Ix-xhud Kurt Abela, Managing Director ta' Project Technik Building Supplies, prodott mir-rikorrent, spjega sew fix-xhieda tiegħu datata 22 ta' Ottubru 2019, id-distinzjoni netta, li teżisti bejn dawn iż-żewġ tipi ta' gypsum. Huwa ddeskriva lil-fibran XPS boards huma gypsum boards bl-insultation, u l-XPS boards li jġibu huma bħala kumpanija ikunu ta' kulur blue. Żied jispjega li hemm prodotti oħrajn li huma EPS boards, ġablow. Ix-xhud Kurt Abela, kompla jispjega d-distinzjoni bejn EPS (Extruded Polystrene) u XPS magħruf bħala (Expanded Polystrene). Huwa eżebixxa wkoll "samples" ta' dawna ż-żewġ prodotti w id-differenza tidher ukoll "ictu oculi".

36. Il-Perit Etienne Fenech, prodott mill-intimat, spjega wkoll li EPS huwa Extruded Polystrene u XPS huwa Expanded Polystrene, kompla jsostni li t-tnejn li huma 'insulated materials' iżda d-differenza bejn it-tnejn huwa dwar kif isiru fil-fabbrika. Għalkemm il-Perit ikkonferma li ż-żewġ tipi ta' gypsum jistgħu jintużaw għall-istess ħaġa għall-insulation, u huma simili, iżda żied jgħid li huma differenti fil-ħxuna, l-XPS huwa tikka aktar iebes kif deskritt mill-Perit, u l-XPS għandu t-tendenza jiswa ftit aktar fil-prezz.

37. Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent eżebixxa dokument, Dok PM1 a fol 277 tal-proċess, li huwa dokument tal-kumpanija Geofoam International LLC u fil-website turi d-distinzjoni bejn EPS boards u XPS boards fejn l-XPS huwa deskritt li għandu '<u>higher insulation performance</u>'.

38. Jirriżulta, kif ġia fuq indikat, li qabel ma daħal fix-xena l-intimat, ir-rikorrent kien ġia avviċina lil Project Technik Building Supplies sabiex jitlob kwotazzjoni għall-gypsum boards kif rikjesti minnu. Fil-fatt, il-kumpanija Project Technik tramite l-impjegat tagħha Nicky Curmi kienet bagħtet kwotazzjonijiet lir-rikorrent, liema kwotazzjonijiet

jinsabu eżebiti a fol 121, 122, 123, u kwotazzjoni aktar dettaljata a fol 134, fejn hawnhekk mill-ewwel kien indikat gypsum boards XPS 30.

39. Jirriżulta wkoll, li meta sar il-ftehim oriġinali mal-konvenut, u l-attur u Lisa Carson kien fi stadju avvanzat biex jixtru il-Boards XPS30 mingħand is-soċjeta' Project Tecknik, u kienu tkellmu ma' l-intimat dwar l-inkarigu tax-xogħol, ftehmu li huwa kapaċi jwaħħal u jinstalla dan il-materjal fil-fond tar-rikorrent.

40. Jirriżulta wkoll anke kif ikkonfermat minn Lisa Carson li kien sar ftehim bejn il-partijiet li jsiru x-xogħolijiet speċifikatament b'fibran XPS 30 Boards, 30 hija l-ħxuna tal-gypsum boards, u kien ġie miftiehem ukoll li dawn kellhom jiġu suppliti mingħand Project Technik Building Supplies. Fil-fatt, ir-rikorrent kien oriġinarjament irċieva l-kwotazzjoni mingħand Project Technik Supplies dwar dan. Iżda, sussegwentement, meta sar il-ftehim ma' Mihai Leonti, Leonti, kien issuġġerixxa li jaqleb l-ordni fuqu u jixtri l-materjal hu għan-nom tar-rikorrent. Hekk fil-fatt sar. Xhieda ta' dan hija l-email datata 9 ta' Diċembru 2016, a fol 154 tal-proċess, fejn Mihai Leonti kiteb lil Project Technik Supplies u infurmahom bil-VAT numru tiegħu sabiex jieħu l-ordni f'ismu, u indika whiteboards with polystrene insulation f'din l-email. L-istess email esebiha Mihai Leonti mal-affidavit tiegħu a fol 191 tal-proċess. Meta Mihai Leonti ħa l-ordni ta' Project Technik Building Supplies fuqu, huwa kien qed jagħmel hekk għaliex kien ingaġġat mir-rikorrent u kien anke spjega fl-emails tiegħu, li kien qed jieħu ħsieb il-proġett ta' Lisa Carson fid-dar appartenenti lir-rikorrent.

41. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent sostna li l-konvenut kiser il-patt miftiehem miegħu u Lisa Carson, u minflok kompla w ipproċeda bix-xiri tal-XPS boards mingħand Project Technik iddeċieda li jwaqqaf l-ordni u jixtri boards differenti minn banda oħra, u għamel dan mingħajr ma kkomunika mar-rikorrent.

42. Minn naħa l-oħra, il-konvenut Leonti sostna kemm fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami kif ukoll fis-sottomissjonijiet, li kellu dritt jibdel il-prodott għaliex ma kienx hemm ftehim fuq it-technical specifications tal-gypsum li kellu jitwaħħal.

43. Il-Qorti ma taqbilx mal-argumentazzjoni ta' l-intimat, peress illi dana ma jirriżultax mill-provi prodotti.

44. Jidher ċar, mill-fatti u riżultanzi ta' dan il-każ, u minn eżami akkurat tal-provi, li r-rikorrent flimkien ma' Lisa Carson kienu saħqu ferm fuq dan il-prodott li jkun XPS 30 proprju minħabba l-bżonn ta' insulation u l-umdita` fil-fond. Sinifikanti ħafna huwa l-affidavit ta' Lisa Carson ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2018, a fol 42, fejn hija mill-ewwel enfasizzat il-punt, li l-proġett fid-dar tar-rikorrent kien jirrikjedi l-gypsum boards, u kienu ddeċidew li l-Fibran XPS 30 gypsum boards kien l-aħjar materjal li seta' jintuża għal dan il-proġett. Leonti, fl-emails tiegħu lil Project Technik kien għamilha ċara li hu qed jixtri l-materjal għall-inkarigu tal-proġett ta' Lisa Carson, b'hekk joħrog ċar, li l-boards rikjesti kienu XPS 30 boards.

45. Huwa ċar, mill-provi, f'dan il-każ, il-ftehim li oriġinarjament sar ma' Leonti kien verbali u kien jinkludi t-twaħħil u l-installar ta' dawn l-XPS boards, u jekk kienx kapaċi jwaħħal dawn l-XPS boards u mhux boards kwalunwe. Jidher evidentement, li kien hemm insistenza fuq dan da parti tar-rikorrent, kif ukoll tal-interior deigner Lisa Carson. Għalhekk, meta saret l-ewwel laqgħa ta' introduzzjoni bejn il-partijiet, jidher,

li dak diskuss kien primarjament l-installar ta' dawn it-tip ta' XPS boards, kif inkarigat mir-rikorrent.

46. In segwitu, jirriżulta, li l-konvenut, f'email datata 10 ta' Diċembru 2016, informa lil Lisa Carson, li s-supplier kien informa li l-XPS boards ma kinux *in stock*, u kien hemm bżonn jiġu ordnati minn barra minn Malta, u kellhom jistennew ħmistax il-jum għal dawn il-boards speċifiċi kif mitluba mingħand Project Technik Building Supplies. Din l-email tinsab annessa mal-affidavit tal-konvenut bħala Dok ML2 a fol 180 tal-proċess.

47. Madankollu, f'din l-email il-konvenut, bl-ebda mod ma informa li huwa kien ser jixtri l-boards minn x'imkien ieħor jew li se jixtri EPS boards minflok, iżda sempliċiment informa li l-XPS boards rikjesti mir-rikrorent u Lisa Carson ma kinux in stock u kellu jistenna ħmistax. Għalhekk, wara li din il-Qorti fliet il-provi u l-korrispondenza kollha eżebita, ma jirriżultax li l-konvenut talab l-awtorizzazzjoni tar-rikorrent jew ta' Lisa Carson qabel ma xtara l-EPS boards minflok l-XPS boards.

48. Sussegwentement, irriżulta, li meta l-konvenut, minn jeddu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-attur u jew ta' Carson xtara l-EPS boards, ir-rikorrent mill-ewwel waqqaf lir-rikorrent milli jkompli jeżegwixxi x-xogħolijiet stante li r-rikorrent irrifjuta espliċitament l-EPS boards stante li ma riedx li jiġu nstallati l-EPS boards iżda dak miftiehem ossija l-XPS 30 boards.

49. In-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-materjal hija sinjifikanti ħafna għall-inkarigu li ngħata l-konvenut.

50. Tenut kont ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li ladarba l-EPS boards mixtrija mill-konvenut ma ġewx aċċettati u l-konvenut twaqqaf milli jkompli jeżegwixxi x-xogħolijiet, juri evidentement, li r-rikorrent ma riedx jaċċetta l-EPS boards mixtrija għaliex ma kinux dawk kif miftiehma fil-ftehim verbali oriġinali bejn il-kontendenti. Konsegwentement, ladarba l-konvenut ma talabx l-awtorizzazzjoni tal-istess rikorrent qabel xtara l-Boards mingħand ħaddieħor u mhux kif miftiehem mingħand Project Technik Building Supplies kif suġġerit fuq l-istess inkarigu tar-rikorrent, il-konvenut kellu jerfa' r-responsabbilta` għall-aġir tiegħu li qabad u xtara l-EPS boards minn jeddu. Mhuwiex minnu kif ittenta jimplika Leonti, li l-ordni tal-boards mingħand Project Technik Building Supplies tħassret għaliex il-prodott ma kienx in stock u ma kienx disponibbli għaliex ma kienx hemm ebda qbil dwar it-tħassir ta' din l-ordni.

51. Jiġi osservat ukoll, li l-contract of works eżebit mal-affidavit tal-konvenut bħala Dok ML17 mhuwiex kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti, u fih biss indikati d-dettalji tal-konvenut u mhux tal-parti l-oħra fil-kawża. Għalhekk dan il-kuntratt ta' xogħol, ma jiswiex għal dan il-każ kif donnu qed jittenta jimplika l-konvenut. Iżda jiswa dak miftiehem oriġinarjament bejn il-partijiet qabel ma l-konvenut iddeċieda li jieħu r-responsabbilta' li jissuplixxi wkoll il-materjal.

52. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut, jipprova jsostni li kien hemm appalt bejn il-kontendenti, fejn il-konvenut kien inkarigat jikkonsenja l-materjal, l-istallazzjoni u xogħolijiet oħra. Jgħid ukoll li jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li kien ordna gypsum bi speċifikazzjonijiet partikolari u li ġie supplit bi kwalita` inferjuri, li tammonta għal difett essenzjali fix-xogħol.

53. Din il-Qorti hija tal-fehma, li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, dan l-argument ma jreġġix, proprju għaliex il-każ in eżami ma wasalx fi stadju ta' difetti, għaliex malli r-rikorrent ra li l-konvenut xtara l-EPS boards minflok l-XPS boards, minnufih waqqfu mill-jkompli bix-xogħol u milli jinstalla l-boards suppliti, għalhekk l-inkarigu twaqqaf. Inoltre`, jiġi osservat, li l-konvenut jipprova jpinġi stampa li ma kienx hemm speċifikazzjoni ta' XPS boards indikata. Iżda, joħroġ ċar kemm mill-provi u mir-riżultanzi fattwali, li r-rikorrent bl-istruzzjonijiet li ħa mingħand Lisa Carson bħala l-interior designer tal-proġett tax-xogħolijiet, l-intiża anke meta tkellmu oriġinarjament kienet dejjem li jixtru XPS boards mingħand Project Technik Building Supplies.

54. In vista tas-suespost, u tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qed tirrespinġi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenut.

**Ikkunsidrat**

55. Referibbilment għar-raba' eċċezzjoni tal-konvenut, ġie sostnut li a tenur tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili, huwa ma jistax jiġi obbligat iħallas lill-attur ebda somma imma, attwalment, huwa l-attur bħala persuna li ta x-xogħol li għandu jħallas lill-konvenut – kontro talba da' parte ta' l-intimat, madanakollu, qatt ma saret.

56. F'dan il-kuntest, jingħad, li l-**Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi:

> "*1)Min jagħti ix-xogħol jista' jħoll, meta jrid il-kuntratt għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*
>
> *2)Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti skont iċ-ċirkostanzi iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*
>
> *3)Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilita` ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*
>
> *4)Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*
>
> *5)Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti."*

57. Dwar dan il-punt, ir-rikorrent, fis-sottomissjonijiet wieġeb, li kellu raġuni valida biex jiċħad il-prodott EPS u ma jħalliħx jitwaħħal bi ksur tal-ftehim bejn il-partijiet u b'hekk mhux talli ma japplikax l-Artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili iżda fil-fatt japplika l-Artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili, li ai termini ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, ir-

rikorrent talab li jiġi rifuż l-ammont ta' depożitu nieqes l-ammont ta' spejjeż ikkwantifikati mid-designer Lisa Carson.

58. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-provi prodotti quddiemha u s-sottomissjonijiet magħmula, tqis, li l-materjal supplit mill-konvenut ma kienx skont dak miftiehem, b'konsegwenza li r-rikorrent ma aċċettax il-materjal u waqqaf l-inkarigu tal-konvenut Leonti minnufih. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi l-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili mhuwiex applikabbli.

59. Konsegwentement, tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut.

**Ikkunsidrat**

60. Tramite l-ħames eċċezzjoni, l-konvenut kompla jsostni li x-xogħoljiet li kienu diġa eżegwiti minnu jammontaw għal €21,832.09 u mhux kif stmat mill-interior designer Lisa Carson fl-ammont ta' €4,800.

61. Jiġi osservat fl-ewwel lok, li l-intimat għalkemm semma dan l-ammont ta' €21,832.09 ma ssostanzjahx bil-provi, lanqas indika jew ta breakdown u /jew elenku tal-allegati xogħolijiet imwettqa f'dan l-ammont, meta l-boards li ssuplixxa hu lanqas bdew jiġu imwaħħla għaliex kien twaqqaf minnufih.

62. Hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi icubit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** Vol. XXXVII-I-578).

63. Inoltre`, jiġi osservat ukoll, li minn naħa l-oħra, ir-rikorrent, ressaq il-prova neċessarja billi inkariga lid-designer tagħmel stima tax-xogħolijiet preparattivi li kienu diġa' mwettqa mill-konvenut. Dan ġie indikat fl-affidavit ulterjuri ta' Lisa Carson, li l-ammont ta' xogħol li laħaq wettaq il-konvenut kien fl-ammont ta' €4,800.

64. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma toqgħodx fuq din l-istima, għalhekk ser tistrieħ fuq din l-istima u tiddikjara li x-xogħolijiet li laħqu saru fil-fond appartenenti lir-rikorrent, kienu fl-ammont ta' €4,800 u mhux kif indikat mill-konvenut fil-ħames eċċezzjoni tiegħu.

65. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiċħad ukoll il-ħames eċċezzjoni tal-konvenut. Tiċħad ukoll ir-rimanenti eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut għar-raġunijiet spjegati.

**It-talbiet tar-rikorrent**

66. Dwar l-ewwel talba, diġa' ġie stabbilit li meta Leonti issuplixxa l-EPS boards minflok l-XPS boards, għalkemm huma simili iżda huwa kien għamel dan bi ksur tal-ftehim bejn il-kontendenti, kif ukoll bin-nuqqas ta' kunsens u awtorizzazzjoni tar-rikorrent. Ladarba huwa kien qed jissuplixxi l-materjal speċifikatament għall-użu tar-rikorrent, din il-Qorti hija tal-fehma, li lanqas ħaġa li seta' jagħmel huwa li jinforma lir-rikorrent qabel ma jissuplih bil-materjal differenti.

67. Jirriżulta kif diġa' ingħad u kif ippruvat fl-atti tal-każ, li r-rikorrent ma aċċettax il-materjal, il-materjal supplit minn Leonti qatt ma ġie installat, kwindi l-inkarigu tiegħu waqaf hemmhekk.

68. Minkejja dan il-fatt, ir-rikorrent xorta waħda għaraf li Leonti kien laħaq għamel xogħol preparattiv, kwindi dan ġie stmat mill-interior designer Lisa Carson, u kif diġa' dedott, din il-Qorti ser tistrieħ fuq din l-istima.

69. Jirriżulta li meta Leonti bagħat emails jitlob id-deposit ta' €25,000 dan tħallas lilu f'Jannar 2017. Mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat li d-depożitu tħallas u di fatti l-intimat eżebixxa "Invoice 267" datata 18 ta' Jannar 2017 li turi li saru l-pagamenti ta' €25,000 (fol 195).

70. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent u tal-konvenut;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Mihai Leonti għar-raġunijiet spjegati.

**Tilqa'** l-ewwel erba' talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

**Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut naqas milli jgib biex juża l-gypsum boards miftehma bejn il-partijiet biex dawn jiġu nstallati kif miftiehem fil-proprjeta` tal-attur, bi ksur tal-ftehim bejn il-partijiet.

**Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrent u tillikwida l-valur li laħaq sar mill-konvenut fil-proprjeta` tar-rikorrent fl-ammont ta' €4,800 kif stmat u dikjarat fl-affidavit ta' Lisa Carson wara li hija stmat u tat valur tax-xogħol eżegwit minn Mihai Leonti fl-imsemmi fond.

**Tilqa'** t-tielet talba u tordna lill-konvenut Mihai Leonti jirrifondi u jħallas lir-rikorrent is-somma li tirrappreżenta d-depożitu mħallas minnu u l-valur tax-xogħol, tal-konvenut kif likwidat, li jammonta għal €20,200.

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku tal-konvenut Mihai Leonti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur